# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/751

**tal-14 ta' Mejju 2018**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, li tikkonċerna t-traniżazzjoni għat-tieni fażi tal-Assoċazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 5(3) tal-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra [1] (il-"Ftehim"), daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2004

(2) L-Artikolu 5(1) tal-Ftehim jipprevedi perijodu tranżitorju ta' massimu ta' għaxar snin maqsum f'żewġ stadji suċċessivi.

(3) L-ewwel stadju beda fl-1 ta' April 2004, li kienet id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

(4) L-Artikolu 5(3) tal-Ftehim jipprevedi wkoll li erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jevalwa l-progress li jkun sar u għandu jiddeċiedi dwar il-passaġġ għat-tieni fażi u d-durata tagħha, kif ukoll dwar kwalunkwe tibdil possibbli li għandu jsir fir-rigward tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw it-tieni stadju.

(5) Il-Partijiet huma determinati li jikkonformaw mal-obbligi li jirrigwardaw it-tranżizzjoni għat-tieni stadju tal-Assoċazzjoni.

(6) L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ħadet il-miżuri neċessarji biex tiżgura l-konformità mal-obbligi kollha li jirriżultaw mit-tranżizzjoni għat-tieni stadju.

(7) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim li tikkonċerna t-tranżizzjoni għat-tieni fażi tal-Assoċazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 5(3) tal-Ftehim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 84, 20.3.2004, p. 13.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
E. ZAHARIEVA

ABBOZZ TA'

**DEĊIŻJONI Nru …/2018 TAL-KUNSILL TA' STABILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI**

**ta' …**

**li tikkonċerna t-tranżizzjoni għat-tieni stadju tal-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropew u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 5(3) tal-Ftehim ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzoni**

IL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 5(1) tal-Ftehim jipprevedi perjodu tranżitorju ta' massimu ta' għaxar snin maqsum f'żewġ stadji suċċessivi.

(2) L-ewwel stadju beda fl-1 ta' April tal-2004, li kienet id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

(3) L-Artikolu 5(3) tal-Ftehim jipprevedi wkoll li l-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jevalwa l-progress li jkun sar u għandu jiddeċiedi dwar il-passaġġ għat-tieni fażi u d-durata tagħha, kif ukoll dwar kwalunkwe tibdil possibbli li għandu jsir fir-rigward tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw it-tieni stadju.

(4) Il-Partijiet huma determinati li jikkonformaw mal-obbligi li jirrigwardaw it-tranżizzjoni għat-tieni stadju tal-Assoċjazzjoni.

(5) L-ex Repubblika Yugoslava tal-Maċedonia ħadet il-miżuri neċessarji biex tiżgura l-konformità mal-obbligi kollha li jirriżultaw mit-tranżizzjoni għat-tieni stadju,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

It-tranżizzjoni għat-tieni stadju tal-assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropew u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 5(3) tal-Ftehim, qiegħda b'dan issir effettiva.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi…,

*Għall-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni*

*Il-President*

([1]) ĠU L 84, 20.3.2004, p. 13.